**24 ta' Novembru, 1962.**
**Imħallef:—**
**Onor. Dr. W. Harding, C.B.E., K.M., B.Litt., LL.D.**

Il-Pulizija
*versus*
Kaptain Joseph Napoleon Camilleri, P.L.

**Appell — Nullità — Art. 431 tal-Kodiċi Kriminali.**

*Ir-rikors tal-appell fil-kriminal għandu jkun fih, taħt piena ta' nullità, oltre l-indikazzjonijiet meħtieġa għall-attijiet ġudizzjarji in ġenerali, anki r-rekwiżiti msemmijin fil-liġi, fosthom il-motivi tal-aggravju.*

*L-allegazzjoni illi l-motiv tal-aggravju jirriżulta ċar mill-espożittiva tal-fatti magħmula fir-rikors ma tissodisfax il-vot tal-liġi; u r-rikors tal-appell ikun irritu u null, u konsegwentement null ukoll l-appell interpost bih, minħabba nuqqas ta' indikazzjoni tal-motivi tal-aggravju.*

Il-Qorti:— Rat is-sentenza mogħtija mill-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta fil-25 ta' Ottubru 1962, li biha l-imputat ġie misjub ħati talli, bħala kandidat fl-aħħar elezzjoni ġenerali tal-membri tal-Assemblea Leġislattiva, naqas fi żmien wieħed u tletin jum wara l-ħruġ tar-riżultat tal-elezzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern jagħmel rapport li kellu jkollu miegħu d-dikjarazzjonijiet, li kellhom isiru bil-ġurament quddiem maġistrat minnu jew mill-aġent elettorali tiegħu skond il-Kap 163, art 40 tielet subartikolu, Ediz. Riv., u ġie liberat kondizzjonatament, u bl-ordni li jikkonforma ruħu mal-liġi fi żmien għaxart ijiem taħt penali ta' 5s. għal kull ġurnata ta' nuqqas jew ritard;

Rat ir-rikors tal-imputat, li bih appella mid-deċiżjoni fuq imsemmija u talab li tiġi revokata, u li hu jiġi liberat inkondizzjonatament;

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat, fuq l-eċċezzjoni tal-Prosekuzzjoni verbalizzata l-lum, li r-rikors hu null;

Skond l-art. 431 tal-Kodiċi Kriminali, ir-rikors tal-appell għandu jkun fih, taħt piena ta' nullità, oltre l-indikaz-

zjonijiet meħtieġa għall-attijiet ġudizzjarji in ġenerali, anki r-rekwiżiti imsemmijin fl-istess artikolu, fosthom il-motivi tal-aggravju;

Din il-Qorti applikat diversi drabi s-sanzjoni tal-artikolu fuq imsemmi; u tista' tiġi ċitata, fost is-sentenzi antiki, dik fl-ismijiet "Pulizija vs. Concetta Marino", 10 ta' Awissu 1899, u, fost ir-reċenzjuri, is-sentenzi "Pulizija vs. Meilak" 28 ta' Novembru 1936, "Micallef vs. Aquilina" 23 ta' Jannar 1937, "Pulizija vs. Pecorella" 11 ta' Settembru 1937, "Pulizija vs. Mizzi" 11 ta' Diċembru 1937, "Cutajar vs. Micallef" 29 ta' Jannar 1938;

Fir-rikors fl-appell odjern tonqos l-enunċjazzjoni tal-motivi. Infatti, fih hemm biss, għar-rigward ta' dan ir-rekwiżit, dawn il-kliem:— "Mill-espost l-aggravju hu ċar u manifest";

Dan ma jissodisfax il-vot tal-liġi, għal diversi raġunijiet, fosthom dawn: Dak li l-appellant, b'ċerta leġġerezza, sejjaħ "mill-espost", huma l-fatti ndikati fil-paragrafu preċedenti. Gie kemm il-darba ritenut li l-indikazzjoni tal-aggravji ma tistgħax issir b'sempliċi riferenza għall-fatti. Dan hu loġiku. Il-motivi għandhom ikunu speċifiċi, kif sewwa ġie ritenut fis-sentenza Vol. XXXIV-IV-957, anki in bażi għall-kommenti tal-ġurisprudenza taljana riportata fid-Digesto Italiano dwar l-art. 356 tal-Kodiċi ta' Proċedura Penali Taljan, li jippreskrivi wkoll l-enunċjazzjoni tal-motivi; u wieħed irid mhux biss jistirakkja ħafna, imma addirittura, blex jasal biex jgħid li, meta r-rikorrent jgħid "mill-espost l-aggravju hu ċar u manifest", b'daqshekk qegħdin jiġu speċifikati f'mod konkret il-motivi tal-appell b'mod tali li jiġi ndividwat il-gravam għall-attenzjoni tal-Qorti. Donnu li f'dan il-każ l-appellant stenna li l-Qorti għandha tispigola hi fil-paragrafu preċedenti dwar il-fatti biex minnu tindovina l-motivi tal-appell, li jkunu, għalhekk, mhux dawk indikati mill-appellant imma dawk konġetturati mill-Qorti. Dan l-aspett jaggrava ruħu meta wieħed jikkunsidra illi l-indikazzjoni tal-fatti f'dan ir-rikors hi konfuża u rrilevanti b'mod li minnha diffiċilment jista' joħroġ il-gravam li jippretendi l-appellant; molto pjù li, wara kollox, l-imputazzjoni hi dik ta' nuqqas tal-formalità tal-ġurament fid-dikjarazzjoni tal-kandidat, u mhux kemm jistgħu jkunu l-ispejjeż tal-elezzjoni għall-Parlament. Ma

hemmx bżonn li jingħad li l-konfezzjoni tar-rikors, skond dispost kategoriku u preċiż tal-liġi, hi essenzjali mhux biss biex il-ġudikant ikun jaf sewwa x'inhu l-ilment tal-appellant, u jista' jiffissa fuqu l-attenzjoni tiegħu, imma anki għall-istess serjetà tal-appell;

Għalhekk tiddeċidi billi tilqa' l-eċċezzjoni tal-Prosekuzzjoni u tiddikjara r-rikors tal-appell null; u per konsegwenza irritu u null l-istess appell.